ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 25 IT-TNEJN, 13 TA' FRAR 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 13 ta' Frar 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar – Sindku
Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier (attenda fis-7.30pm)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

Mattea Sghendo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippresjediet il-laqgħa.

Is-Sindku bdiet billi qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt. Is-Sindku tat merħba lill-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ ġdida, Mattea Sghendo li minnaħa tagħha introduċiet ruħha.

**25/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**25/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Antoine Saliba Haig li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba kien imsiefer (kopja tal-biljetti tal-ajru annessi mal-ittra). Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.
.

**25/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 24 li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 24 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**25/02/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGHA ANNWALI TAL-LOKALITA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti taL-Laqgħa Annwali tal-Lokalita li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**25/02/03 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni sabiex tinbidel l-ordni tax-xogħol tal-aġenda u l-materja nru 25.06 tiġi diskussa f'dan l-istadju permezz ta' preżentazzjoni mill-accountant tal-Kunsill dwar ir-rapport finanzjarju għas-sena 2016. **DOK 'A1'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli issekonda l-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

Wara li saret preżentazzjoni mill-*accountant* tal-Kunsill, fejn ġie spjegat ir-rapport finanzjarju għas-sena 2016, il-Kunsill seta' jinnota li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija b'saħħitha u tejjeb il-likwidita' tal-Kunsill b'mod effettiv ħafna.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2016.

**Il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni**.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**25/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**25/03/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li għadha kif ġiet infurmata li fil-Parlament ftit minuti ilu, l-Onorevoli Paula Mifsud Bonnici rrapurtat li s-Sindku ta' Ħal Qormi rrapurtat lill-individwu homeless li jgħix fil-karozza talli qed iħammeġ it-triq flok tipprovdilu l-għajnuna. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kategorikament ddikjarat li r-rapport li saru mill-Kunsill huma peress li dawn l-individwu qed jaqdi l-bżonnijiet tiegħu fit-triq meta ftit passi bogħod hemm latrina pubblika, u li ġiet avviċinata minn bosta anzjani li joqogħdu f'dik it-triq li qed jibżgħu joħorġu minħabba dan l-individwu li lejl u nhar jgħix barra quddiem id-dar tagħhom. **Il-Kunsillier Ralph Puli** saqsa jekk il-Kunsill irreferiex il-każ lill-awtoritajiet biex jinstablu akkomodazzjoni. **Il-Kunsillier Josef Aquilina** wieġeb li huwa nfurmat li din hija għażla tal-individwu li jgħix f'karozza fejn anke irrifjuta għajnuna li tinstablu akkomodazzjoni. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** sostniet li l-Kunsill għamel xogħlu u huwa fid-dover tiegħu li jirrapporta lill-Pulizija kull ksur ta' liġi u l-Onor. Mifsud

Bonnici kellha tiċċekkja l-fatti qabel ma tmur takkuża fl-għola istituzzjoni tal-pajjiż. **Il-Kunsillier Ralph Puli** ssuġġerixxa biex il-Kunsill jerġa' jirreferi l-każ lill-awtoritajiet li jipprovdu akkomodazzjoni soċjali.

**25/03/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill fiċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-proġett ta' Triq San Pietru il-Kunsill kellu kliem ta' tifħir mir-residenti u intlaqa' pożittivament minn kulħadd.

**25/03/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-librerija lokali ta' San Ġorġ bdiet tiftaħ nhar ta' Sibt filgħodu u nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn l-4.00pm u s-6.30pm. Il-Kunsill se jagħmel promozzjoni dwar dawn il-ħinijiet il-ġodda.

**25/03/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mill-Iskola tal-Ħandaq dwar proġett ta' EkoSkola fejn talbu li l-Kunsill jipprovdi planters. Il-Kunsil approva.

**DOK 'B1'**

**25/03/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Ċirkulari 6/2017 dwar l-Allowance tal-Kunsilliera, fejn ġie kkomunikat li meta kunsillier jonqos milli jattendi għal raġuni ġġustifikata mill-Kunsill, m'għandiex taffettwa l-allowance tal-Kunsillier. Il-Kunsill laqa' bi pjaċir din iċ-ċirkulari.

**DOK 'B2'**

**25/03/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet komunikazzjoni dwar il-kuntratt tal-Kunsill mal-perit tal-Kunsill, fejn jipprovdi li l-Kunsill jista' jitlob servizz ta' Konsulenza dwar Fondi Ewropej. Dan is-servizz se jkun qed jingħata bil-prezz ta' Eur35 is-siegħa + VAT. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**25/03/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet kwotazzjoni mingħand iSpy dwar installazzjoni ta' CCTV. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni biex tiġi installata mal-*Bring in Site* ta' Triq Pawlu Farrugia. F'każ li din tkun ta' suċċess, isiru ma' postijiet oħrajn. **DOK 'B3'**

**25/03/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Bjorn Azzopardi sabiex jikkumenta dwar l-attivita' li saret f'Jannar, Career Day. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** faħħar din l-inizjattiva li kienet suċċess kbir fejn kien hemm attendenza rekord u l-Kunsill għandu jara kif din l-attivita' ssir kultant żmien.

**25/03/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill, li l-proposta ta' Literacy Project bl-isem Let's Learn ġie

magħżul u se ningħataw is-somma ta’ Eur3,000. Fil-ġranet li ġejjin se toħroġ sejħa biex ġenituri ta’ studenti ta’ livell sekondarju japplikaw u skont l-applikazzjonijiet tinħareġ sejħa għall-għalliema biex jgħallmu s-suġġetti li jkunu intgħażlu.

**F’dan l-istadju tal-laqgħa, fis-7.30pm, l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina skuża ruħu mill-laqgħa filwaqt li l-Kunsillier Robert Reno Cremona attenda għal-laqgħa.**

25/03/10 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza dwar talba biex studju dwar Ħal Qormi jiġi ppubblikat fi ktieb. Il-Kunsill se jevalwa f’aktar dettal din il-proposta sabiex ikun f’pożizzjoni aħjar sabiex jieħu deċiżjoni. **DOK ‘B4’**

25/03/11 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza dwar talba biex isir monument għall-Għannej John Laus. Il-Kunsill iddeċieda biex kif għamel fil-każ tal-monument ta’ Indri Brincat, il-Kunsil lest li jagħmel il-pedestall u jieħu ħsieb l-permessi u ssir l-irħama sakemm dan jiġi inawgurat mis-Sindku. Iżda bl-ebda mod il-Kunsill mhu se jidħol għall-ispiża tal-monument inniffsu. **DOK ‘B5’**

25/03/12 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mis-Sur George Cassar sabiex jitneħħew linji sofor li hemm quddiem garaxxijiet fi Triq Lydda u minflok isiru double yellow lines it-triq kollha peress li t-triq ma tiflaħx għall-parkeġġi fuq ż-żewġ naħat. Il-Kunsill ma qabilx ma’ din it-talba u jissuġġerixxi li s-Sur Cassar japplika biex isiru linji sofor faċċata tal-garaxx tiegħu jekk jidhirlu li m’għandux aċċess liberu għal garaxx tiegħu, liema talba tiġi mgħoddija lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.
**DOK ‘B6’**

25/03/13 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li għadhom kemm ġew ippubblikati żewġ programmi ta’ fondi ewropej, taħt il-programm LEADER. Il-Kunsill se jkun qed japplika taħt miżura 4.3 għal toroq u sqaqin rurali filwaqt li taħt miżura 4.4 għad irid jiġi ddentifikat għal xhiex se japplika l-Kunsill. Il-Kunsill qabel *nem.con.*
**DOK ‘B7’**

**25/04 MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

25/04/01 **Ma kienx hemm mistoqsijiet mressqa mill-Kunsilliera.**

**25/05 RAPPORTI**

**25/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA TAL-OFFERTI: ĠBIR TA' SKART GOFF**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tas-sejħa tal-offerti dwar servizz ta' ġbir ta' skart goff.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li kien qed jirrakkomanda biex l-offerta tingħata lill-orħos offerta li kienet *administrative and technical compliant*, dik mitfugħa minn R&A Waste Services Ltd bil-prezz ta' Eur11,500 (vat eskluż). Iż-żewġ l-offerti l-oħrajn ma kienux *compliant*.

**DOK 'C1'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rapport u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jagħti l-offerta lil R&A Waste Services Ltd.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

**25/05/02 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-KUNTRATTI DWAR IS-SEJĦA TA' ESPRESSJONI TAL-INTERESS GĦAS-SERVIZZ MINN WAĦDA MILL-ISKEMI TA' RIĊIKLAĠĠ**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq r-rapport tal-Kumitat tal-Kuntratti li evalwa iż-żewġ proposti sottomessi miż-żewġ skemi, Green MT u Green Pak.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li kien qed jirrakkomanda biex tintgħażel il-proposta ta' Green Pak peress li kellhom proposta aktar attraenti meta tikkunsidra li dawn kienu qed joffru fond għall-inizjattivi ambjentali li jammonta għal Eur3,000 kif ukoll CCTV ma' żewġ siti biex jiġi pprotett l-ambjent. Green MT min-naħa tagħhom pproponew li l-ġabra tal-ħġieġ issir darbtejn fix-xahar flok

darba, Eur2,000 għall-attivita' bl-isem Qormi Recycle Day u Eur500 bħala riklamar fuq il-magażin tal-Kunsill.

**DOK 'C2'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat u jagħżel l-offerta ta' Green Pak.

Il-Kunsillier Ralph Puli issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

F'dan il-mument, **is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex tiġi sospiża l-laqgħa fuq talba tas-Sur Joe Attard (Green MT) li kien preżenti għal-laqgħa. **Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgħa tiġi sospiża.

Wara s-sospensjoni, il-laqgħa tkompliet fejn is-Segretarju Eżekuttiv xtaq jiċċara li l-proposta ta' Green Pak waslet permezz ta' email u ma ġietx mitfugħa fil-kaxxa tal-offerti. Madanakollu huwa spjega li dan sar għar-riskju tagħhom għaliex seta' espona l-proposta tiegħu filwaqt li fakkar li din ma kenitx sejħa tal-offerti u għalhekk il-*Public Procurement Regulations* ma jirregolawx dan il-proċess.

Il-Kunsill żamm mad-deċiżjoni tiegħu u għandu jinforma lill-Green Pak biex jiġi ffirmat l-kuntratt.

**25/05/03 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI DWAR SERVIZZ TA' ŻAMMA U MANUTENZJONI TAS-SINJALI TAT-TRAFFIKU U MARKI TAT-TOROQ**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tas-sejħa tal-offerti dwar servizz ta' żamma u manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku u marki tat-toroq.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li kien qed jirrakkomanda biex l-offerta tingħata lill-unika offerta li kienet *administrative and technical compliant*, dik mitfugħa minn Koptasin.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rapport u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jagħti l-offerta lil Koptasin.

**DOK 'C3'**

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

**25/06/01 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI ANNWALI 2017 U L-PJAN TA' ĦIDMA 2017-2019**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq l-Estimi Annwali 2017 għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li saret il-laqgħa annwali tal-lokalita' ma kienx hemm proposti ta' bidliet fl-Estimi Annwali ippreżentat fil-laqgħa preċedenti. Peress li ma kienx hemm kummenti ulterjuri, il-Kunsill għadda għall-approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2017.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova l-Estimi Annwali 2017 kif ippreżentat.

**DOK 'D1'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

**25/06/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq il-Pjan ta' Ħidma 2017-9 għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Pjan ta' Ħidma huwa bbażat fuq il-figuri tal-Estimi Annwali 2017 bi tbassir ta' żieda marġinali fis-snin sussegwenti. Peress li ma kienx hemm kummenti ulterjuri, il-Kunsill għadda għall-approvazzjoni tad-dokument.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova l-Pjan ta' Ħidma 2017-9 kif ippreżentat.

**DOK 'D2'**

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

**25/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHA TA' KUMITATI U/JEW SOTTO-KUMITATI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajr** stiednet **lill-Kunsillier Renald Falzon** sabiex iressaq rapport tas-sotto-kumitat li jmexxi hu dwar l-Ordni Pubblika.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** spjega li f'laqgħat li jkollu mal-għassa tal-Pulizija, joħroġ biċ-ċar li l-għassa ta' Ħal Qormi li hija wkoll l-għassa tad-Distrett, m'għandiex ir-riżorsi li hemm f'distretti oħrajn. Fost oħrajn huwa semma li din l-għassa m'ghandiex vetturi, Spettur wieħed, fil-weekend jkun hemm żewġ uffiċjali tal-Pulizija biss. Fil-fatt, dan kollu qed jirriżulta f'aktar kriminalita' f'dawn l-aħħar jiem żdied is-serq minn residenzi. Il-ħidma tal-Pulizija li hemm hija tajba għaliex irnexxielhom jsolvu xi każijiet iżda jidher biċ-ċar li dawn il-Pulizija għandhom bżonn l-għajnuna permezz ta' aktar riżorsi mill-awtoritajiet.

Il-Kunsill qabel nem.con li jagħmel pressjoni mal-Kummissarju biex l-għassa ta' Ħal Qormi jingħataw aktar riżorsi.

**25/08 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2017**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'E1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Jannar 2017

**b)** *Bank Payments* Jannar 2017

**c)** *Petty Cash* Jannar 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**25/09 MOZZJONIJIET**

**25/09/01 MOZZJONI 45/2017 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li l-attivita' prinċipali ta' Jum Ħal Qormi tal-25 ta' Mejju 2017, issir fi Triq il-Vitorja (quddiem il-Knisja tal-Vitorja) u ssir bil-kollaborazzjoni tal-Ghaqda Socjo-Muzikali Anici peress li jmiss lil din l-għaqda li jkollha sehem prinċipali f'din l-attivita' wara li fis-snin preċedenti saru miż-żewġ baned l-oħrajn.*

*Nipproponi wkoll li Gieh Ħal Qormi ta' din is-sena jingħata lil Imħallef Silvio Meli.*

*L-Imħallef Silvio Meli, Qormi ta' 63sena, maħtur maġistrat fis-sena 1990 u fis-sena 2011 bħala Imħallef. Huwa l-ewwel President tal-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust, filwaqt li serva fuq il-Commission for the Administration of Justice u bħala Deputy Chairman tal- Judicial Studies Committee.*

*Huwa l-awtur tal-ktieb "Judgements of the Malta Commission for Fair Trading", kif ukoll ikkontribwixxa fil-pubblikazzjoni "Competition Law Judgements from European Community Member States", ippubblikata minn Sweet & Maxwell in November 2007.*

*L-Imħallef Silvio Meli huwa miżżewweġ u għandu tlett itfal.*

.

**Il-Kunsilliera kollha preżenti** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa’** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 45/2016.

**25/10 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2017 fis-7.00 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:35 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **iffirmati** |
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti kkonfermati llum **it-Tnejn, 13 ta’ Marzu** 2017.